# L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Ambjent 2050

20.10.2022



## L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Ambjent 2050

3 Introduzzjoni
5 Għanijiet Strateġiċi
13 Konklużjoni




# Introduzzjoni

# Introduzzjoni

Id-diskussjoni dejjem tagħmel il-ġid. L-ewwel u qabel kollox tħabbat l-ideat ma xulxin. Konsewgenza ta' dan toħroġ in-nuqqasijiet li jkun hemm. Dan jgħodd ukoll id-diskussjoni pubblika fuq l-istrateġija nazzjonali dwar l-ambjent.

Irridu qabel kollox nemfasizzaw li hu żball li d-dokumentazzjoni kollha dwar l-istrateġija hi bl-Ingliż. Mhux aċċettabbli li l-ilsien Malti jingħata l-ġenb. Id-diskussjoni tista' issir bil-Malti ukoll b'faċilità. Id-dokumentazzjoni kollha tista' u għandha tkun prodotta bl-ilsien Malti ukoll. Mhux aċċettabbli li nkunu insulentati b'dan il-mod f'pajjiżna stess minn aġenziji tal-istat.

Li jsegwu huma numru ta' osservazzjonijiet fuq l-għanijiet strateġiċi li ġew ippreżentati għad-diskussjoni.



# Għanijiet Strateġiċi

# Għanijiet Strateġiċi

## 1.
## Arja nadifa għall-benesseri, għas-saħħa, u natura b'saħħitha

Filwaqt li kif jgħid ir-rapport, ammont mhux żgħir ta' partiċelli żgħar (PM10) fl-arja ġejjin minn sorsi naturali, sors prinċipali ta' tniġġis minn PM10 u dijossidu tan-nitroġenu (NO2) f'żoni urbani f'Malta huwa t-traffiku — mill-gassijiet tal-exhaust, sat-*tyres* tal-karozzi. Sorsi oħra huma t-tbaħħir, l-avjazzjoni, u l-kostruzzjoni u l-barrieri. Huwa d-dmir tal-Gvern li jwettaq inizjattivi b'saħħithom u effettivi, u tal-Parlament li jilleġiżla biex jitnaqqsu l-emmissjonijiet maħluqa mill-attivitajiet tal-bniedem. Il-liġijiet imma, huma inutili jekk ma jkunx hemm konsegwenzi u jekk ma hemmx rimedji legali għal meta dawn il-liġijiet u l-miri ma' jintlaħqux.

Għalhekk ADPD — The Green Party tisħaq li għandu jkun hemm rimedji legali u kostituzzjonali meta l-Gvern ma jonorox l-obbligi tiegħu, kemm skont liġijiet nazzjonali, dawk tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll obbligi li joħorġu minn trattati internazzjonali. Il-proċess ta' azzjoni tal-UE fejn jidħol ksur ta' direttivi u regolamenti tal-UE minn stati membri huwa bil-mod wisq, hemm bżonn rimedji effettivi fuq livell nazzjonali. Id-direttivi u regolamenti ambjentali għandhom ikunu l-minimu, għandhom isiru liġijiet nazzjonali li jieħdu in konsiderazzjoni d-daqs tal-pajjiż biex tniġġis lokalizzat li jagħmel ħafna ħsara jiġi ikkontrollat.

Għan strateġiku 1 mhux se jintlaħaq jekk, kif jgħid ir-rapport stess, mhux se jonqsu l-karozzi mit-toroq. Jekk metodi alternattivi ta' trasport ma jsirux aktar sikuri — minn scootersu pedelecs sa roti. Jekk ma jiżdiedux b'mod drastiku ż-żoni pedonali u jiġu introdotti 'l hekk imsejħa *home zones* jew *slow streets*. Jekk mhux se tingħata prijorità fit-toroq lit-trasport pubbliku permezz ta' *priority lanes* (kif diġà titlob l-istrateġija tat-trasport tal-2015) u anke permezz ta' sistema Bus Rapid Transit. Huwa inutli li l-istrateġiji jgħidulna x'hemm bżonn isir — x'hemm bżonn ilna nafuh. X'hemm bżonn saħansitra studji ikkummissjonati mill-Gvern stess jgħidulna. M'hemmx għalfejn nivvintaw ir-rota, studji lokali, internazzjonali u case studies fi bliet żgħar u medji madwar id-dinja diġà juruna t-triq. Sfortunatament ma hemmx ir-rieda politika li tittieħed azzjoni.

Hemm bżonn programm nazzjonali għat-trasport personali alternattiv. L-iscooters jiġu aġevolati hemm bżonn, mhux demonizzati. Il-pedelecs u r-roti l-istess: b'korsiji apposta tul it-toroq prinċipali u rotot speċjali oħra, kif ukoll permezz ta' tibdil fil-liġijiet u l-kodiċi tat-triq li jipproteġu lil min juża dawn il-mezzi. Kull mezz alternattiv fit-triq ifisser anqas traffiku u anqas konġestjoni. L-inizjattivi f'xi skejjel tal-istat biex jiġi inkoraġġit trasport alternattiv juri li hemm xewqa li ż-żgħażagħ jagħmlu l-bidla neċessarja, iżda issa sta għall-Gvern li jiżgura sigurtà fit-toroq.

Fit-toroq urbani u residenzjali  l-infurzar għandu jiffoka fuq it-tnaqqis fil-veloċità u b'pieni aktar ħorox għal min jikkawża inċidenti minħabba veloċità eċċessiva u perikoluża għal żoni urbani. It-toroq irridu ntuhom lura lin-nies: toroq sikuri, b'bankini sura, fejn il-prijorità tkun l-ewwel favur min jimxi, it-tieni mezzi alternattivi u żgħar ta' trasport minn scooters sa pedelecs u roti, it-tielet it-traport pubbliku u servizzi ta' traport, u biss wara l-karozzi privati, u vetturi kbar.

Żoni problematiċi minħabba t-tniġġis, li litteralment qed joqtol bil-mod il-mod lir-residenti u lit-tessut soċjali lokali għandhom jiġu dikjarati *Low Emission Zones* — u jitnaqqas t-traffiku minn ġo fihom b'mod immedjat.

Huwa essenzjali wkoll, xi ħaġa li l-istrateġija tonqos li ssemmi, li l-bini kollu jkun kapaċi jiġġenera l-enerġija elettrika kollha li jirrikjedi. Għandu jkun hemm obbligi ċari biex kull bini ġdid, inkluż bini ristrutturat, jiġġenera l-massimu possibbli ta' enerġija elettrika. Il-ġenerazzjoni tal-karbonju għandu jiġi evitat mill bidu — ir-rinovazzjoni u ristrutturar għandha tkun l-għażla preferita milli bini mill-ġdid. Wara l-bini ġdid u ristrutturat, bi pjan ċar u obbligatorju l-bini kollu tal-pajjiż għandu jiġġenera l-enerġija elettrika. Il-mira għandha tkun ta' bini żero-karbonju.

Il-proposti tagħna huma n-norma f'pajjiżi żviluppati u moderni, u fejn il-gvernijiet għandhom viżjoni verament progressiva u fit-tul. Mhux ilabalbu biss u mbagħad jagħmlu bil-maqlub.

## 2.
## Ambjent ta' kwalità għal irħula u bliet fejn tgħix tajjeb, u li jħajjruk tgħix b'mod san

Dan l-għan jorbot mal-ewwel wieħed, u għaldaqstant il-proposti dwar kif jintlaħaq l-ewwel għan jgħoddu wkoll għat-tieni. Ma dan inżidu li l-Pjani Lokali għandhom jiġu reveduti, flimkien mal-irtirar urġenti tal-iskemi ta' razzjonalizazzjoni tal-2006. Hemm bżonn azzjoni immedjata mill-Parlament u mill-Gvern biex il-ftit li fadal insalvawh.  Il-problemi li l-iżvilupp esaġerat madwarna qed jikkawża kontinwament hu konsegwenza diretta tal-Pjani Lokali li kienu fil-parti l-kbira tagħhom approvati fl-2006. L-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni approvat fl-2006, li permezz tiegħu, madwar żewġ miljun metru kwadru ta' art li kienet ODZ ingħatat għall-iżvilupp, kompliet titfa' l-melħ fuq il-ferita. Il-mira ta' Pjani Lokali speċifiċi għal lokalitajiet u żoni b'karatteristiċi differenti għandu jkun, li minflok żvilupp intensiv tal-art immirat biex jimmassimizza l-profitti fl-oqsma kollha tal-industrija tal-kostruzzjoni, jimmassimizza l-ħolqien ta' ambjent li jwassalna fejn nistgħu ngħixu b'mod sostenibbli. Għandna bżonn ippjanar għall-użu tal-art li jirrispetta lin-nies u lin-natura.

Mhux vera li l-Kunsilli Lokali qed jiġu mgħejuna jimplimentaw politika fuq it-trasport sostenibbli, l-ispazji miftuħa u inizjattivi simili. Il-Kunsilli Lokali għad m'għandhomx is-saħħa legali u lanqas is-saħħa finanzjarja li jwettqu dawn il-bidliet minħabba l-preferenza tal-Gvern għal kontroll ċentralizzat u Kunsilli Lokali dipendenti fuq il-*buona volontà* tal-Ministri. Biex l-għanijiet ta' kontroll ta' tniġġis tal-arja, mill-istorbju u mid-dawl, ta' immaniġġjar aħjar tal-iskart, u ta' sistemi effettivi ta' servizzi ekoloġici u tħaddir urban jintlaħqu l-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom jingħataw is-saħħa legali li jinfurzaw liġijiet lokali f'dawn l-oqsma li jieħdu in konsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-lokalitjiet individwali, għajnuna biex jibnu l-ħiliet tekniċi, u s-saħħa li jdaħħlu tal-anqas parti mill-fondi neċessarji indipendentament mill-Gvern Ċentrali u mill-indħil u l-karità tal-Ministeri.

Dwar il-kostruzzjoni, iż-żieda fl-għoli tal-bini kullimkien u bla ebda konsiderazzjoni tal-impatti u tal-karatteristiżi tal-lokalitajiet għandha tieqaf sakemm jerġgħu isiru Pjani Lokali ġodda. M'hawnx bżonn aktar flattijiet. M'hawnx bżonn żieda fl-għoli tal-lukandi. M'hawnx bżonn aktar proġetti ta' spekulazzjoni massiċċi.

## 3.
## Il-bijodiversità apprezzata, mħarsa, irrestawrata u użata b'mod sostenibbli għall-beneficċju tan-natura, tan-nies u tal-klima

Huwa ta' xejn li jkollok awtorità regolatorja bħall-ERA, meta l-organizazzjonijiet, l-aġenziji u d-dipartimenti tal-gvern li suppost jwettqu x-xogħol neċessarju kemm fl-immaniġġjar ta' żoni naturali, tal-bijodiversità, l-immaniġġjar u t-tkabbir ta' pjanti, siġar u arbuxxelli għar-rijabilitazzjoni ta' żoni naturali, u l-immaniġġjar tal-widien, il-baħar u żoni oħra, jew mhux atrezzati, jew m'għandhomx biżżejjed nies bil-ħiliet xjentifiċi, tekniċi u manwali neċessarji, jew jintużaw bħala post biex jiġu 'ipparkjati' persuni bla ħiliet li ma jafux fejn se jaqbdu jitfgħuhom. Il-tibdil kontinwu fl-ismijiet, fil-ministeri reponsabbli u fir-responsabilitajiet ta' dawn l-organizazzjonijiet żgur li ma jgħinx. Huwa assolutament neċessarju, per eżempju, li l-Gvern jsaħħaħ il-mixtla tiegħu — li għandha titmexxa fuq prinċipji ta' servizz ambjentali lejn il-komunità u mhux fuq prinċipji kummerċjali.

Il-Gvern mhux interessat jipproteġi żoni ta' importanza ekoloġika. Pjani ta' immaniġġjar jibqgħu, f'ħafna każijiet, inka fuq karta, bi ftit li xejn riżorsi dedikati għall-immaniġġjar veru u propju. L-aktar każ riċenti ta' nuqqas ta' interess mill-Gvern huwa l-każ ta' Kemmuna, li ġibdu l-attenzjoni mistħoqqa dwaru attivisti ta' Graffitti. M'hemmx l-interess għal kontroll tal-aċċess u tal-attivitajiet kummerċjali fuq din il-gżira.

L-istrateġija ssemmi t-tħaddir urban. Dan jista' jsir kemm-il darba jiżdiedu l-ispazji għan-nies fit-toroq, minflok il-Gvern aktar interessat jibni parkeġġi qishom deżert tat-tarmak. Min-naħa tal-ippjanar meta jiġu deċiżi applikazzjonijiet *Planning Control*, l-Awtorità tal-Ippjanar tagħmel il-minimu possibbli, u tassigura li l-iżviluppatur jiġi aġevolat, bl-aktar bini intensiv possibbli, b'bankini l-aktar dojoq possibbli, bla ebda kundizzjonijiet għal faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart, trasport alternattiv, u faċilitajiet komunitarji. Aħseb u ara kemm tesiġi t-tħawwil ta' siġar b'mod professjonali u kif titlob is-sengħa tul it-toroq. Jekk il-Gvern huwa serju fuq tħaddir urban diġà hemm diversi toroq f'kull belt u raħal li fi żmien pjuttost qasir jistgħu jiġu modifikati biex jilqgħu fihom siġar urbani. Infakkru li siġar tul it-toroq inaqqsu t-temperaturi fix-xhur tas-sajf, joffru ambjent aktar sabiħ għal min juża t-toroq, inaqqsu l-effetti tat-tniġġis, u joffru wkoll ekosistema urbana. L-istrateġija ssejjaħ 'innovattivi' proġetti ta' ġonna fuq parkeġġi. Dawn m'huma proġetti innovattivi xejn, iżda r-relegazzjoni ta' ġonna bħala 'ornament' għall-parkeġġi tal-karozzi, minflok bħala elementi essenzjali f'kull żona urbana.

Il-Kunsilli Lokali għal darboħra jissemmew bħala l-implimentaturi tat-tħaddir urban. Mingħajr awtonomija effettiva, u mingħajr sapport tekniku, inkluż fit-tkabbir ta' siġar, arbuxxelli u xtieli indiġeni, anke hawn il-kliem tal-istrateġija jibqa' biss kliem fuq karta.

## 4.
## Użu reponsabbli u effiċjenti tar-riżorsi li jirrifletti l-valur tal-materja prima u materjal ta' skart biex tintlaħaq il-mira ta' żero-skart fil-miżbliet

Għadna 'l bogħod ħafna mill-mira ta' skart-żero sal-2050. Għalkemm saru xi inizjattivi, il-Gvern jirrifjuta li jaqbad il-barri minn qrunu biex ma jurtax lil ċerti setturi li jappoġġjaw lill-partit finanzjarjament.

Ir-rata ta' riċiklaġġ ta' skart muniċipali fl-2019 kien ta' 9.9%. Fl-2018, kienet ukoll ta' 9.9%, imma fl-2017 kienet 11.1%. Il-figuri jitkellmu waħedhom, għax huma bil-bosta taħt il-medja tal-UE ta' 47.7 % fl-2019. It-traskuraġni tal-Gvern u ta' dawk li ġew inkarigati mill-iskart hija evidenti.

In-narrattiva li l-inċeneratur, modern kemm hu modern, se jwassalna għal skart żero waħdu hija ħrafa. Il-Gvern irid 40% tal-iskart inċinerat — dan ifisser li mhux se jsir xi sforz kbir biex l-ewwel jitnaqqas l-iskart. Biex jitwemmen, l-inċeneratur kellu jkun ta' daqs, għall-iskart li jibqa' wara t-tnaqqis tal-iskart, l-użu mill-ġdid ta' materjal estratt mill-iskart u r-riċiklaġġ. L-inqas ammont possibbli għandu jkun inċinerat biex verament nilħqu skart-żero.

L-istrateġija tixhed, anke fil-fażi ta' konsultazzjoni n-nuqqas ta' impenn tal-Gvern lejn l-ekonomija ċirkolari. Il-falliment tal-istrateġija qegħdha minquxa fil-kliem magħżul. Eżempju wieħed: "The private sector will be encouraged and enabled to invest in eco-friendly activities to reduce their environmental footprint, including by reducing the waste generated both from their operations as well as upon consumption by the end user of the product or service." (p.55)

L-istrateġija sal-'inkoraġġiment' tasal. La hemm miktub kif se jiġu milħuqa l-obbligi u kif l-obbligi tal-pajjiż, dejjem jekk ma jiġux injorati, se jintlaħqu.
Il-Gvern u l-Parlament għandhom minnufih jagħmel liġijiet u jenforza liġijiet speċifiċi għall-kuntest Malti:

- li jobbligaw l-użu mill-ġdid tal-materjal użabbli kollu mit-twaqqiegħ ta' binjiet. F'kelma waħda l-bini għandu jiżżarma mhux jitkisser. Għandhom jitħallsu miżati għoljin għar-rimi ta' skart tal-kostruzzjoni;
- li jaċċelleraw s-separazzjoni tal-iskart fl-industrija tal-catering b'mod immedjat. Għalkemm diġa hemm obbligi, dawn għandhom ikunu aktar ċari, u nfurzati b'mod strett. Mhux aċċettabbli li wieħed iħallas multi redikoli biex jevità u jiffranka dan l-obbligu;
- biex kull industrija għandu jkollha pjan ċar u obbligatorju dwar it-tnaqqis tal-iskart u tnaqqis u effiċjenza fl-użu tal-materja prima.
- biex kull inċentivi, inkluż dawk fiskali, ikunu marbuta b'mod strett mal-effiċjenza enerġetika, tal-użu tal-materjal, u tal-miri żero-skart.

## 5.
## Ir-riżorsi tal-art ġestiti biex jsostnu funzjonijiet naturali u jżidu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima

L-istrateġija, tal-anqas tikxef il-falliment tal-Gvernijiet Nazzjonalisti u Laburisti fl-ippjanar, imma biex ma tirfisx kallijiet tagħti raġuni żbaljata għal dan il-falliment: "The combination of scarcity within a situation of strong demand, under a policy framework that is not sufficiently coordinated to optimise between competing pressures, has led to a situation where 23.4% of all development permits issued in 2020 related to such developments on virgin land. Developed land area increased by 23% between 2010 and 2019, including 19% related to developed land in areas outside the development zone (ODZ)." (p.65)

Ir-raġuni vera għal dan id-diżastru hija li l-ispekulaturi u l-politiċi fil-poter huma dipendenti fuq xulxin. Klijenteliżmu fil-livelli l-aktar għolja tal-poter. Il-politika tas-supermarket kif sejjħilha l-ex-kap tal-iżviluppaturi Sandro Chetcuti fil-ġurnali. Raġuni oħra hija l-għoti ta' żewġ miljun metru kwadru għall-iżvilupp fl-2006, pjani lokali li jiffavorixxu żvilupp fuq skala kbira, żieda kull tant żmien fl-għoli permess tal-bini, u skemi 'speċjali' bħal dik biex il-lukandi jżidu s-sulari, ikunu fejn ikun.

Għal darba oħra l-istrateġija tevita eżempji ta' żvilupp mhux sostenibbli. Tonqos, per eżempju li temfasizza li kemm l-ajruport propjost f'Għawdex kif ukoll il-mina proposta taħt il-fliegu bejn Malta u Għawdex mhux sostenibbli. Tonqos li tgħid li trakka għat-tlielaq tal-karozzi m'hawnx postha f'Malta. Tonqos li tgħid li ma jagħmilx sens li art għal skopjijiet industrijali tingħata għat-trakka, meta l-art f'Malta hija riżors skars.

Fejn jidħol l-immaniġġjar ta' żoni naturali u l-kampanja hemm bżonn urġenti ta' servizz ta' rangers b'poteri eżekuttivi, biex jinforzaw liġijiet u regolamenti u biex jwettqu xogħol ta' konservazzjoni.

Dwar l-ġebla u l-estrazzjoni tagħha mill-barrieri, l-istrateġija tonqos milli issemmi l-bżonn li l-kostruzzjoni tonqos u li litteralment kull bini li jkollu jitwaqqa' jiġi żarmat ġebla ġebla , biex id-domanda għal ġebel verġni jonqos. Hu meħtieġ li dak li sal-lum hu meqjus li hu skart tal-kostruzzjoni jkun riċiklat u użat mill-ġdid. Dan hu possibbli li jsir. Dan isir b'liġijiet stretti, infurzati kif suppost.

Kif tisħaq l-istrateġija, mingħajr ebda miri iżda, n-numru ta' turisti mhux sostenibbli. Huwa għalhekk li b'mod immedjat ikun hemm friża fuq in-numru ta' sodod fl-lukandi eżistenti u ma jingħatawx permessi għal lukandi ġodda. It-taxxa fuq kull lejl li jħallsu t-turisti għandha tagħmel tajjeb għar-riżorsi li jużaw waqt il-btala tagħhom u għaldaqstant għandha tirrifletti verament l-impatt tagħhom fuq il-konsum tar-riżorsi u l-użu tal-infrastruttura tal-pajjiż.

## 6.
## Baħar b'diversità ekoloġika, b'saħħtu u produttiv, kapaċi jsostni tkabbir sostenibbli

Wasal iż-żmien li l-35% taż-żona tal-immaniġġjar tas-sajd fil-baħar tagħna (iġifieri 4138km2), li hija wkoll żona ta' konservazzjoni Natura 2000, tiġi protetta u immaniġġjata b'mod tajjeb u professjonali. Ħafna drabi fuq il-karta jsiru ħafna pjanijiet, bħal fil-każ ta' siti Natura 2000 fuq l-art, iżda qajla jkun hemm riżorsi, kemm umani u kemm finanzjarji biex dawn jitwettqu.

L-għan strateġiku ma jistax jintlaħaq jekk se jibqa' jitħalla jsir aktar u aktar żvilupp madwar il-kosta. Il-baħar huwa prattikament l-unika żona naturali estensiva li għandna f'pajjiż mingħajr muntani, foresti, xmajjar jew pajnuri.

Il-kummerċjalizazzjoni tal-kosta u tal-baħar għandha tieqaf permezz ta' regolamenti, liġijiet u infurzar. Il-każ ta' Kemmuna huwa eżempju tal-attitudni *laissez-faire* f'dal-qasam, bil-barka tal-Gvern.

L-aċċess għad-dgħajjes li jaħdmu bid-diesel u fuels fossili oħra għal żoni ta' rikreazzjoni għandu jkun projbit. M'għandhomx isiru aktar yacht marinas. Il-fatt li hawn domanda, kif iħobb jisħaq il-Gvern mhux raġuni valida. Trid tinqata' linja. L-istess fil-qasam tal-akwakultura. Għandu jkun hemm limitu għan-numru ta' rziezet tal-ħut, u kontroll u infurzar serju fuq l-operat tagħhom. L-affarijiet għandhom isiru bis-serjetà, anke billi kulħadd jagħraf li hemm limitu għal kull attività, trendi kemm trendi għall-operaturi.

L-ispazju li għandna għad-disposizzjoni tagħna hu limitat. Iktar ma nagħrfu dan malajr aħjar.

## 7.
## Riżorsi tal-ilma sostenibbli li jiżguraw użu fit-tul u jsostnu ekosistemi dipendenti fuq l-ilma

Il-mira tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li jkolla żero impatt fuq l-ilmijiet naturali hija ovvjament mira tajba. Ikun tajjeb jekk l-informazzjoni dwar fejn ninsabu biex tintlaħaq dil-mira tkun aktar aċċessibbli.

Rigward l-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma tal-pajjiż tul is-snin, jispikka n-nuqqas ta' interess tal-gvernijiet, u anke t-traskuraġni f'dal-qasam. Wieħed ma jistax ma jsemmix is-sistema li tarmi l-ilma tax-xita l-baħar, in-nuqqas ta' infurzar ta' liġijiet dwar il-bjar, u n-nuqqas ta' kontroll ta' estrazzjoni tal-ilma tal-pjan mill-industrija tal-manifattura tax-xorb u tal-agrikultura.

Dan l-aħħar qrajna li anke l-impjanti tal-konkos qed jużaw kwantità kbira tal-ilma estratt mill-ilma tal-pjan. Wasal iż-żmien li dan l-abbuż jieqaf. Imma, sfortunatment, għall-istrateġija u min fassalha, dan mhux ta' importanza.

Filwaqt li l-istrateġija tagħmel punti tajbin dwar l-użu tal-ilma, hemm bżonn miri ċari, marbuta magħhom rieda politika għat-twettiq tal-miżuri, b'infurzar serju. Xi ħaġa nieqsa f'ħafna mill-oqsma msemmija fl-istrateġija.

## 8.
## L-iffaċilitar u t-tisħiħ tat-tranżizzjoni ħadra neċessarja

It-twettiq tal-istrateġija jiddependi fuq ir-rieda politika biex isiru l-liġijiet neċessarji li jittraduċu l-għanijiet f'leġiżlazzjoni, b'miri ċari, responsabilitajiet ċari u r-riżorsi neċessarji kollha. Marbuta, u importanti ħafna, hija li s-sistema ta' tassazzjoni, l-inċentivi u diżinċentivi fiskali ukoll jimbuttaw lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u ta' benesseri neċessarja għal kwalità ta' ħajja, ta' ambjent urban u naturali aħjar.

Id-diskussjoni mal-i*stakeholders* kollha hija tajba, iżda għandu jkun ċar li l-miri jridu jinltaħqu għall-ħid ta' kulħadd. Pajjiżna qiegħed tard, tard ħafna. Il-klijenteliżmu, nepotiżmu u l-politika tas-*supermarket* waslitna fl-istat li qegħdin fih illum. Imma d-dinja mhux qegħdha magħna. Qegħdin fi kriżi tal-klima, li magħha ġġib kriżijiet ekonomiċi u soċjali.

In-natura tikkmandana, aħna irridu nadegwaw ruħna għaliha.

# Konklużjoni



# Konklużjoni

In-nuqqas ta' azzjoni dwar it-traffiku huwa sintomatiku fuq l-attitudni lejn l-ambjent in ġenerali. Riċentment il-Prim Ministru qalilna li hu mħasseb bil-qagħda tat-traffiku. Ilkoll kemm aħna mħassbin.

Li qed jiġri, imma, hu dak li ipprevedejna, qabel mal-Gvern beda għaddej bi programm massiċċ tal-iżvilupp tal-infrastruttura tat-toroq. Programm li għamilha iktar faċli għall-karozza. Dakinnhar għidna li l-Gvern għandu pjan u strateġija dwar it-trasport li tfasslet minn konsulenti li tħallsu minn fondi Ewropej li kien qed jiġi injorat.

L-istrateġija dwar it-trasport temfasizza l-ħtieġa li jonqsu l-karozzi mit-toroq imma minflok il-Gvern ħa ħsieb li jaħdem b'mod li jinkoraġixxi li dawn jiżdiedu. X'jiswew l-istrategji jekk ma hemmx rieda politika li jitwettqu?

Sfortunatment il-Gvernijiet li kellna, wieħed wara l-ieħor, qatt ma kellhom viżjoni fit-tul. Il-viżjoni politika tagħhom twassal sal-massimu bejn 4 u 5 snin, jiġifieri minn elezzjoni sa oħra. Strateġija serja ambjentali teħtieġ viżjoni fit-tul, viżjoni ta' ħamsa u għoxrin sena. Dan hu meħtieġ għax id-deċiżjonijiet ambjentali, meta jitwettqu sewwa u kif meħtieġ jieħdu ż-żmien biex jagħtu riżultat.

Huwa b'dan il-mod biss li nistgħu nibdew nagħmlu passi 'l quddiem.

**Bilbljografija**

*Nota: Il-proposti f'dan id-dokument u proposti oħra relatati għamilnihom tul s-snin f'bosta dokumenti tal-partit. Uħud minnhom huma elenkati hawn.*


Malta in breach of EU Directive 2001/42/EC
due to the extensions of the development zones (2011)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2011/08/SEA-submissiontoEC200711.pdf

Malta Żero Karbonju 2050 (2017)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2017/05/AD_Malta-Z%CC%87ero-Karbonju-2050.pdf

Submissions in respect of EIA Terms of Reference relative
to the proposed tunnel between Malta and Gozo (2018)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2018/08/Submission-Gozo-Tunnel-AD.pdf

Alternattiva Demokratika National Cycling Strategy (2019)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2019/02/AD_Cycling-Strategy.pdf

Pjan Aħdar Ġust u Sostenibbli (2020)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2020/05/AD_Pjan-A%C4%A7dar-G%CC%87ust-u-Sostenibbli.pdf

Submissions on EIA Magħtab Incinerator (2021)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2021/06/Maghtab2.June2021.pdf

Kodiċi Aħmar Emerġenza Klima (2021)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2021/09/ADPD_Kodic%CC%87i-Ahmar_Emerg%CC%87enza-Klima.pdf

Tħares kif tħares, l-ajruport f'Għawdex ma jagħmilx sens (2022)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/gozo-airport-more-destruction-for-the-benefit-of-the-few/

Ir-residenti ta' Birżebbuġa ma jifilħux aktar!
Il-PLPN moħħhom biss li jiksbu l-poter akkost ta' kollox (2022)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/birzebbuga-residents-cannot-take-it-any-more-plpn-are-only-interested-in-raw-power/

ADPD Manifest Elettorali 2022 — Xkupa Ħadra Tnaddaf (2022)
Aċċessat minn: https://adpd.mt/wp-content/uploads/2022/03/ADPD_Manifest-Elettorali-2022.pdf

adpd.mt